

**Informazzjoni dwar il-kawża**

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Schunk GmbH & Co. KG Spann- und Greif-technik
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark li tirrappreżenta parti ta' ċokk ta' torn bi tliet gruvijiet għal prodotti fil-klassijiet 7 u 8 — Applikazzjoni Nru 3098894
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Schunk GmbH & Co. KG Spann- und Greiftechnik hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tas-27 ta' April 2010 —  
UniCredito Italiano vs UASI — Union Investment Privatfonds  
(UNIWEB u UniCredit Wealth Management)**

**(Kawżi T-303/06 u T-337/06)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali UNIWEB u UniCredit Wealth Management — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti UNIFONDS u UNIRAK u trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti UNIZINS — Raġuni relattiva

għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 48, 49)*

## Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Settembru 2006 (Każijiet magħquda R 196/2005-2 u R 211/2005-2) u tal-25 ta' Settembru 2006 (Każijiet magħquda R 456/2005-2 u R 502/2005-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Union Investment Privatfonds GmbH u UniCredito Italiano SpA.

## Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	UniCredito Italiano SpA
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali UNIWEB għas-servizzi fil-klassijiet 35, 36 u 42 — Applikazzjoni Nru 2236164 — u trade mark verbali UniCredit Wealth Management għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 35, 36, 41 u 42 — Applikazzjoni Nru 2330066
Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Union Investment Privatfonds GmbH
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade marks verbali Ġermaniżi UNIFONDS (Nru 991995) u UNIRAK (Nru 991997) u trade mark figurattiva Ġermaniża UNIZINS (Nru 2016954) sabiex jiġu identifikati l-investimenti, fis-sens tal-klassi 36

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa fir-rigward ta' parti tas-servizzi kkontestati u miċħuda fir-rigward tal-kumpliment tas-servizzi
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-303/06 u T-337/06 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- 2) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-5 ta' Settembru 2006 (Każijiet magħquda R 196/2005-2 u R 211/2005-2), hija annullata sa fejn tiċħad l-appell ta' UniCredito Italiano SpA fil-Każ R 211/2005-2 billi tilqa' l-oppożizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni UNIWEB, f'dak li jirrigwarda "affarijiet bankarji, affarijiet finanzjarji, affarijiet monetarji, assigurazzjonijiet, informazzjoni u pariri fil-qasam tal-finanzi u tal-assigurazzjonijiet, servizzi ta' karti ta' kreditu/debitu, servizzi bankarji u finanzjarji bl-internet", li jaqgħu taħt il-klassi 36.
- 3) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Settembru 2006 (Każijiet magħquda R 456/2005-2 u R 502/2005-2), hija annullata sa fejn tiċħad l-appell ta' UniCredito Italiano SpA fil-Każ R 456/2005-2 billi tilqa' l-oppożizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni UniCredit Wealth Management, f'dak li jirrigwarda "affarijiet bankarji, affarijiet finanzjarji, affarijiet monetarji, assigurazzjonijiet u informazzjoni finanzjarja", li jaqgħu taħt il-klassi 36.
- 4) It-talbiet ta' Union Investment Privatfonds GmbH huma miċħuda.
- 5) Kull parti għandi tbat i-ispejjeż tagħha.